MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 515/2014

Appell Nru: 515/2014

Il-Pulizja

Vs

Anthony Borg

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 469377M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn l-4 ta' Jannar, 2014 u l-31 ta' Jannar, 2014 meta hekk ordnat minn ix Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Claudette Portelli u/jew lil ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannathu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Anthony Borg huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant ghandu disabbilita' u ma jistax ihallas il-manteniment.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

Permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Familja, numru 1516/2011 datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant gie ikkundannat ihallas lil parti civili Claudette Portelli l-ammont ta' mija u erbghin ewro (€ 140) kull erba' gimghat bhala manteniment tat-tifla komuni Jamine Borg. L-appellant waqa' moruz fil-hlas ta' dan il-pagament bejn l-erbgha (4) ta' Jannar u l-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) u fid-dsatax (19) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014). Il-parti leza ghamlet rapport lill-pulizija dwar dan in-nuqqas u mexxew kontra l-appellant, li b'sentenza tal-ewwel (1) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' dan in-nuqqas u ikkundannatu ghal gimghatejn ditenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti peress illi huwa mhuwiex tenut ihallas minhabba dizabilità li ghandu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-appellant ma specifikax x'inhi din id-dizabilità illi timpedih milli jaqdi d-doveri tieghu lejn il-parti leza u ghalhekk din il-Qorti ma tistax titratta din l-iskuza bhala wahda reali jew valida biex tiskuzah mill-obbligazzjonijiet tieghu. Izda kif gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana anke jekk jisfa bla xoghol dan ma jiskuzahx minn tali obbligu. Fil-kawza Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998 inghad "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-

manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002 u Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi dan huwa l-kaz però permezz ta' verbal fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 il-parti leza Claudette Portelli iddikjarat illi thallset is-somma dovuta mill-appellant u, ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi avolja din il-Qorti jidhrilha illi l-parti leza ma kellhiex tkun soggetta ghal dan il-kalvarju biex tiehu dak li ghandha tiehu bi dritt, dan il-pagament jagevola lill-appellant f'ghajnejn din il-Qorti peress illi fil-kaz ta' hlas fil-mori jista' jkun kaz ta' temperament fil-piena. Hekk gie deciz fil-kawza Il-Pulizija versus Publius Said fil-25 ta' Settembru 2003, "L-iskop tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 kien li ssir pressjoni fuq debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biex biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew

il-ksur ta′ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F′dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta′ temperament fil-piena ...″.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok gimghatejn ditenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------